**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs.**

**Pierre Buttigieg**

Numru: 394/2015

Illum 12 ta' Gunju 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Pierre Buttigieg**, ta' erbghin (40) sena, iben David u Pauline neé Dingli, imwieled Pietà nhar it-13 ta' April 1974, u residenti numru 14, Flat 2, Marina Street, Pietà, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 195874(M), akkuzat talli:

1. nhar it-8 ta' Settembru 2014, ghal habta tas-6:30 ta' filghaxija, flimkien ma' persuna ohra, minn gewwa l-Luna Hotel, sitwata fi Triq il-Marfa, l-Mellieha kkommetta serq ta' flus kontanti,

ghad-dannu tal-kumpanija Bodesr Ltd, liema serq hu aggravat bil-valur, bil-vjolenza u bil-mezz, bi ksur tal-Artikoli 261(a), (b), (c) u 42(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. nhar it-8 ta' Settembru 2014, ghal habta tas-6:30 ta' filghaxija, flimkien ma' persuna ohra, minn gewwa l-Luna Hotel, sitwata fi Triq il-Marfa, l-Mellieha kkaguna hsara volontarja, hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioé diversi oggetti u hwejjeg, liema hsara ma tiskorrix l-valur ta' €2500 izda tiskorri l-valur ta' €250 ghad-dannu tal-kumpanija Bodesr Ltd, bi ksur tal-Artikoli 325(b) u 42(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba biex, f'kaz ta' htija, tikkunsidra lil Pierre Buttigieg bhala recidiv bi ksur tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 14).

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mill-Prim Imhallef Emeritus Silvio Camilleri (*a fol.* 17 *et seq.*).

Semghet il-provi kollha mressqa mill-Prosekuzzjoni.

Semghet, fis-seduta tat-28 ta' Frar 2019 (*a fol.* 72), lill-imputat jiddikjara li kien ser jaghzel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri, f'liema seduta d-difiza ddikjarat li ma kellhiex provi xi tressaq f'dan il-kaz.

Semghet, fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2019 (*a fol.* 73), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jiddikjaraw li kienu qed jirrimettu ruhhom ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2018, xehdet **WPS 148 Denise Camilleri** (*a fol.* 38 *et seq.*) fejn qalet li fit-8 ta' Settembru 2014 ghall-habta tad-9.00pm giet ricevuta telefonata minn Trevor Galea fil-kapacita' tieghu bhala Manager ta' Luna Hotel. Hija hejjiet l-okkorrenza li giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "DC 1" (*a fol.* 41 *et seq.*). Tghid li rat xi filmati u tispjega li rat li fit-8 ta' Settembru 2014 ghall-habta tas-6.29pm dahlu zewg adulti rgiel ma' tifel zghir fejn wiehed mill-adulti beda jisgassa l-magni tal-kaxxi tal-loghob u l-iehor beda joqghod attent biex jara jekk kienu gejjin xi nies vicin il-kamra vicin il-*pool* u t-tifel iz-zghir kien taparsi qed jilghab it-*table soccer*. Tghid li f'dawn is-CCTV *recordings* hija identifikat lil Jeffrey Cassar li tressaq il-Qorti u nstab hati. Tispjega li talbet lil Trevor Galea sabiex jipprovdilha kopja tas-CCTV *recordings* flimkien ma' stimi tal-hsarat li saru fil-magni li gew moghtija lill-iSpettur.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2018, xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Godwin Scerri** (*a fol.* 43 *et seq.*) fejn spjega rigward dak li gie nfurmat bih minn WPS 148 Denise Camilleri fit-8 ta' Settembru 2014 wara li l-Manager ta' Luna Hotel Holiday Complex irraporta li xi persuna jew persuni kienu dahlu fil-*games room* u sgassaw diversi magni tal-loghob, kissruhom u serqulhom il-flus minn go fihom. Jghid li baghat lil WPS 148 Denise Camilleri fejn hija rat xi filmati tas-CCTV u nfurmatu li l-persuni li kienu allegatament responsabbli ghal dan ir-reat kienu jidhru cari. Jghid li talab lil tal-forensika sabiex imorru fuq il-post u talab li jinghata kopja tal-filmati. Jghid li minn dawn il-filmati jidher car li kien hemm tliet persuni li kienu nvoluti. Jghid li l-ewwel persuna li gie identifikat kien Jeffrey Cassar fejn meta tressaq il-Qorti ammetta l-involviment tieghu fis-serqa. Jghid li fil-filmati hu (l-iSpettur Scerri) gharaf ukoll lill-imputat li jghid jidher car mhux hazin u li minkejja li pprova jintraccah, ma seta' jsibu b'xejn. Jixhed li fis-27 ta' Frar 2015 gie nfurmat li l-imputat kien arrestat fl-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat fuq kaz iehor u talab li jkun mghoddi lilu tant li fit-28 ta' Frar 2015 l-imputat irrilaxxa stqarrija. Jispjega li fl-10 ta'

Settembru 2014 kien ircieva *email* minn ghand Trevor Galea fejn elenka l-hsarat li kienu sofrew. Spjega wkoll li minhabba li fil-filmati kienu hargu evidenti l-marki tat-tpingija li ghandu fuqu l-imputat, kienu ittiehdu ritratti tat-*tattoos* tal-imputat fl-ufficcju tieghu (tal-iSpettur Scerri). Ezebixxa: *stills* mehuda mis-CCTV *footages* li gew mmarkati bhala Dok. "GS 1" (*a fol.* 46), CD li jikkontjeni filmati tas-CCTV, liema CD gie mmarkat bhala Dok. "GS 2" (*a fol.* 46), tliet ritratti tat-*tattoos* tal-imputat li gew immarkati bhala Dok. "GS 3" (*a fol.* 46), dikjarazzjoni tar-rifjut tal-parir legali li giet immarkata bhala Dok. "GS 4" (*a fol.* 47), stqarrija tal-imputat li giet immarkata bhala Dok. "GS 5" (*a fol.* 48 *et seq.*) u kif ukoll *email* li giet immarkata bhala Dok. "GS 6" (*a fol.* 49 *et seq.*).

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Godwin Scerri** rega' l-ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2018 (*a fol.* 59) fejn ezebixxa vera kopja ta' sentenza moghtija fis-17 ta' Settembru 2008 dwar Appell Numru 27/08 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Pierre Buttigieg**, liema sentenza giet immarkata bhala Dok. "GS 7" (*a fol.* 60 *et seq.*)

Illi, fis-seduta tal-5 ta' April 2018, xehed **PC 1319 Matthew Xuereb** (*a fol.* 51 *et seq.*) fejn spjega li fit-8 ta' Settembru 2014 cemplilhom certu Trevor li huwa l-Manager ta' Luna Hotel gewwa l-Mellieha fejn qalilhom li tliet persuni kienu dahlu fil-*games room* u minn hemm gew sgassati tliet kaxxi tal-loghob u nsterqu xi flus minnhom minn tnejn min-nies. Jghid li mar fuq il-post flimkien ma' WPS 148 fejn x'hin iltaqghu mal-Manager dan uriehom il-filmati fejn dehru zewg adulti u tifel. Jispjega li mentri wiehed mill-adulti deher jiccekkja jekk kienux gejjin nies, l-adult l-iehor jidher jisgassa l-kaxxi u t-tifel jidher qed jilghab it-*table soccer* wahdu. Spjega li nizlu fil-*games room* fejn ikkonferma li kien hemm tliet magni sgassati: fejn tnejn minnhom kienu bla flus u l-ohra kellha l-flus pero' kellha l-hsarat fil-makkinarju jew fil-bieba taghha. Jghid li marru tal-forensika fejn iffotografaw u hadu l-*finger prints*. Jispjega li l-ghada l-Manager kellu jehdilhom il-filmati u li x'hin kienu qed jaraw il-filmati gie maghruf wiehed minn nies li jghid li kien Jeffrey Cassar li gie mressaq il-Qorti u gie wkoll sentenzjat.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' April 2018, xehed ukoll **Trevor Galea** (*a fol.* 54 *et seq.*) fejn spjega li fis-sena 2014 kien General Manager ta' Luna Holiday Complex fil-Mellieha. Mistoqsi jghid dwar xiex kien ghamel rapport, jghid li fit-8 ta' Settembru 2014 kien *duty* u li meta kienet qed issir r-ronda ta' filghaxija gie nnutat li fil-*games room* kien hemm magni sgassati u kien hemm xi serq minnhom. Jghid li l-kamra nghalqet mal-ewwel, saret telefonata fl-Ghassa tal-Pulizija u li wara marru tal-forensika u kif ukoll il-Pulizija. Jghid li mill-filmati tas-CCTV setghu jaraw li kien hemm nies jisgassaw il-*billiard*, deher li kien hemm xi hadd jiccekkja, u jghid li minn ghalih kien hemm tnejn min nies. Jispjega li dawn il-filmati gew mghoddija lill-Pulizija. Mistoqsi jghid jiftakarx x'danni kienet sofriet il-lukanda, jghid li ma jiftakarx. Ikkonferma li l-kontenut tal-*email* li tinsab immarkata bhala Dok. "GS 6" (*a fol.* 49 *et seq.*) giet mibghuta minnu lill-iSpettur.

In <u>kontro-ezami</u>, mistoqsi jghid kemm allegatament insteraq dakinhar, wiegeb: *"Cifra ezatt le, imma jekk immur lura xi haga bejn seba' mija u elf u mitejn [Euro]"* (*a fol.* 56). Mitlub jghid kif wasal ghal dik il-konkluzjoni, wiegeb: *"Minhabba li ahna l-games room titbattal fil-gimgha kienet u ovvjament hadna average ovvjament ta' tul sajf shih l-average ta' kull gimgha jigifieri jista' ikun inqas u jista' ikun aktar"* (*a fol.* 56).

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2018, xehed l-i**Spettur Joseph Mercieca** (*a fol.* 69) fejn meta gie muri s-sentenza mmarkata bhala Dok. "GS 7" (*a fol.* 60 *et seq.*) qal li huwa kien involut fl-investigazzjoni tal-kaz tas-sentenza murija lilu flimkien mal-iSpettur Carmelo Magri. Jixhed: *"Qed naghraf lill-imputat hawnhekk gewwa din l-Awla u din kienet sentenza tal-Appell moghtija nhar is-17 ta' Settembru tas-sena 2008 mill-Imhallef Dr. Joseph Galea Debono"* (*a fol.* 69).

**Ikkunsidrat**
**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the*

*least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice"*.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kawza odjerna l-imputat qed jigi akkuzat bis-segwenti: b'komplicita' f'serq ikkwalifikat bil-valur, bil-vjolenza u bil-mezz; b'komplicita' ta' hsara volontarja u b'li huwa recidiv *ai termini* ta' Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi da parte taghha l-Prosekuzzjoni ssostni li l-imputat jintgharaf mill-filmati li gew migbura mill-post derubat f'liema filmati jidhru zewg rgiel u tifel, fejn il-Prosekuzzjoni tishaq li wiehed mill-irgiel ghandu jigi identifikat li huwa l-imputat. Meta sar l-ezami tal-imputat (*a fol.* 37), l-imputat wiegeb li m'huwiex hati tal-imputazjonijiet addebitati fil-konfront tieghu. Huwa la xehed f'dawn il-proceduri, kif huwa d-dritt tieghu li jaghmel, u anqas ressaq xhieda. Kemm il-Prosekuzzjoni u d-difiza rrimettew ruhhom ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali.

Illi, qabel il-Qorti taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser taghmel riferenza ghat-talba tad-difiza kif verbalizzata fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2019 (*a fol.* 73) fejn talbet li l-istqarrija rilaxxata mill-imputat fit-28 ta' Frar 2015 (Dok. "GS 5" – *a fol.* 48 *et seq.*) tigi skartata mill-Qorti.

Illi l-Qorti tinnota li l-imputat irrilaxxa stqarrija (Dok. "GS 5" – *a fol.* 48 *et seq.*) fit-28 ta' Frar 2015, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat gie moghti d-dritt ghal parir legali, liema dritt huwa rrinunzja li jezercita (Dok. "GS 4" – *a fol.* 47). Il-Qorti tinnota wkoll li din l-istqarrija (inkluz ix-xiehda tal-Ufficjal Prosekutur in kwantu din tirreferi ghal dak li stqarr l-imputat waqt l-investigazzjoni) ser tigi skartata u dana peress li minkejja li d-dritt ghall-assistenza legali <u>qabel</u> l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010 (u cioé qabel l-imputat irrilaxxa l-istqarrija tieghu), u minkejja li l-imputat inghata dan id-dritt, jirrizulta li l-imputat ma nghatax id-dritt li jkollu avukat prezenti

mieghu <u>waqt</u> it-tehid ta' tali stqarrija u dana *stante* li dan ma kienx possibbli meta ttiehdet l-istqarrija in kwistjoni. Dan qieghed jinghad in segwitu ta' dak li gie deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Dicembru 2018 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Aldo Pistella**.

Illi l-Qorti sejra issa tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Komplicita' f'Serq Ikkwalifikat bil-Valur, bil-Vjolenza u bil-Mezz)</u>**:
Illi l-Qorti tinnota li fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Borg Inguanez** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998 inghad is-segwenti:

> "L-Ewwel Qorti korrettement irriteniet li d-definizzjoni ta' serq komunement abbraccjata fil-gurisprudenza taghna hi dik tal-Carrara u cioé:
>
> *"La contrettazione [...] dolosa della cosa altrui, fatta "invite dominio", con animo di farne lucro."*
>
> (Ara **Il-Pulizija vs. Carmelo Felice**, 10/1/42, **Il-Pulizija vs. Pawlu Scicluna et**, 9/12/44, it-tnejn Appelli Kriminali). Izda din id-definizzjoni hi wkoll suggetta ghall-interpretazzjoni dottrinali u gurisprudenzjali. Kif jispjega l-Manzini b'referenza ghad-definizzjoni ta' serq moghtija fl-Artikolu 624 tal-*Codice Rocco*:
>
> *"Obiettivament, possono essere "altrui" soltanto quelle cose che costituiscono attualmente oggetto di proprietà o di altro diritto reale. Soggettivamente, e nel senso della nozione del furto, è "altrui" la cosa che è in proprietà e in possesso di una persona diversa da quella che se ne impossessa, e parimenti la cosa che,*

*pur essendo in proprietà di chi sottraendola se ne impossessa, si trova, di diritto o di fatto, nel potere d'altri che abbia facoltà di usarne o di disporne altrimenti. In questo senso una cosa può essere contemporaneamente propria ed altrui"* (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale Italiano (Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed.), UTET, 1984, Vol. IX, para. 3229)".

Illi, fir-rigward tal-imputazzjoni in ezami, il-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:

- L-iSpettur Godwin Scerri spjega x'inghad lilu minn WPS 148 Denise Camilleri li hejjiet l-okkorenza rigward is-serqa mertu tal-kawza odjerna. Spjega li mill-filmati li gew elevati jidher li kien hemm tliet persuni li kienu nvoluti u li, fost l-ohrajn, gharaf lill-imputat li jghid jidher car mhux hazin. Spjega wkoll li minhabba li fil-filmati kienu hargu evidenti l-marki tat-tpingija li ghandu fuqu l-imputat, kienu ittiehdu ritratti tat-*tattoos* tieghu. Ezebixxa, fost l-ohrajn, bhala Dok. "GS 1" sa Dok. "GS 3" (*a fol.* 46), il-filmati mghoddija lill-Pulizija minn Trevor Galea (Manager tal-Luna Hotel), *stills* mehuda mill-filmati, u kif ukoll ritratti tat-*tattoos* tal-imputat.

- Meta WPS 148 Denise Camilleri spjegat x'rat mill-filmati li gew ezebiti fl-atti processwali, hija qalet li wiehed mill-irgiel gie identifikat li kien certu Jeffrey Cassar li tressaq il-Qorti u li gie misjub hati. Tispjega li talbet lil Trevor Galea sabiex jipprovdilha kopja tas-CCTV *recordings* flimkien ma' stimi tal-hsarat li saru fil-magni li gew moghtija lill-iSpettur.

- PC 1319 Matthew Xuereb spjega li mar fuq il-post tal-akkadut flimkien ma' WPS 148 Denise Camilleri fejn filwaqt li ddeskriva dak li ra mill-filmati li gew murija, spjega wkoll dak li ra meta nizlu fil-*games room*. Qal li l-ghada l-Manager kellu jehdilhom il-filmati.

- Da parte tieghu, Trevor Galea, il-General Manager ta' Luna Holiday Complex, xehed fuq ir-rapport li ghamel fir-rigward tas-serqa mertu tal-kawza odjerna. Spjega x'ra mill-filmati li

kien hemm fejn ikkonferma li dawn gew mghoddija lill-Pulizija.

Illi, filwaqt li l-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni naqset li tressaq bhala xhud lil Jeffrey Cassar, li mid-depozizzjoni tal-iSpettur Godwin Scerri jirrizulta li gie mressaq il-Qorti u li gie sentenzjat, il-Qorti tinnota li hija rat bir-reqqa l-filmati li jinsabu f'Dok. "GS 2" (*a fol.* 46) minn fejn jidhru zewg irgiel u tifel, fejn wiehed mill-irgiel huwa <u>identifikabbli</u> bhala l-imputat tal-kawza odjerna. Dan huwa identifikabbli mill-istatura tieghu u kif ukoll minn wiccu (b'mod partikolari mill-imnieher). Apparti minn dan, ghandu jinghad li l-imputat huwa wkoll identifikabbli mit-*tattoos* li huwa ghandu, li minkejja li fil-filmati ma jidhrux kompletament ezatt, pero' ghandhom somiljanza <u>**kbira**</u> mat-*tattoos* li l-imputat ghandu. Dan kollu jirrizulta mill-filmati (Dok. "GS 2" – *a fol.* 46) inniffishom li l-Qorti rat diversi drabi, mill-i*stills* (Dok. "GS 1" – *a fol.* 46) tal-istess filmati u kif ukoll mir-ritratti tal-imputat (fejn jidhru t-*tattoos* tieghu) mehuda fl-ufficju tal-iSpettur Godwin Scerri (Dok. "GS 3" – *a fol.* 46). Jirrizulta bl-aktar mod car li wiehed mill-irgiel li jidher fil-filmati u fl-i*stills* huwa l-imputat tal-kawza odjerna li ghandu t-*tattoos* li jidhru fir-ritratti li gew immarkati bhala Dok. "GS 3" (*a fol.* 46). Ghaldaqstant, m'ghandu jkun hemm l-ebda dubju li l-imputat kellu rwol attiv fis-serqa mertu tal-imputazzjoni in ezami u li kien wiehed mill-hallelin.

Illi, fir-rigward tal-kwalifiki tal-valur, tal-vjolenza u tal-mezz, il-Qorti tinnota s-segwenti:

- <u>kwalifika tal-valur</u>: Il-Qorti tinnota li kien biss fil-kontro-ezami ta' Trevor Galea li l-imsemmi Galea gie mistoqsi jghid kemm insteraq dakinhar tal-akkadut. Huwa wiegeb li cifra ezatt ma kellux pero' wiegeb li bejn seba' mitt Euro (€700.00) u elf u mitejn Euro (€1200.00). Meta gie mistoqsi jghid kif wasal ghal dawn ic-cifri, spjega li ttiehed *average* ta' kull gimgha u qal: *"jista' ikun inqas u jista' ikun aktar"* (*a fol.* 56). Tenut kont ta' dan kollu, *stante* li ma tressqitx prova aktar konkreta dwar il-kwalifika in ezami, il-Qorti m'hijiex sodisfatta li l-kwalifika tal-

valur giet pruvata u b'hekk l-imputat mhux ser jinstab hati tal-imsemmija kwalifika.

- <u>kwalifika tal-vjolenza</u>: Filwaqt li l-Qorti tinnota li z-zewg irgiel kienu akkumpanjati minn tifel, il-Qorti ma tafx ezatt x'kien l-involviment tat-tifel, li huwa ovvju mill-filmati li kien ghadu minuri. Tenut kont ta' dan u mehud in konsiderazzjoni dak li jiddisponi Artikolu 262(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'mod partikolari Artikolu 262(1)(b) tal-Kapitolu 9 imsemmi, il-Qorti ma tista' bl-ebda tikkonsidra li l-kwalifika in ezami giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat mhux ser jinstab hati ta' din il-kwalifika.

- <u>kwalifika tal-mezz</u>: Jirrizulta mill-atti processwali li s-serq mertu tal-kawza odjerna sar minn magni tal-kaxxi tal-loghob tant li Trevor Galea kkonferma li kien hemm magni sgassati u kien sar xi serq minnhom. Il-Qorti taghmel riferenza ghal Artikoli 263(a) u 264(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta minn fejn ghandu jirrizulta li l-kwalfika in ezami giet sodisfacentement pruvata.

Tenut kont ta' dan kollu, l-imputat ser jigi misjub hati tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu bil-kwalifika tal-mezz biss.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Komplicita' ta' Hsara Volontarja)</u>**:
Illi filwaqt li l-Qorti tinnota li, f'kaz ta' htija tal-imputazzjoni in ezami, f'kaz ta' piena il-Qorti setghet tikkunsidra t-tieni (2) imputazzjoni bhala mezz ghall-fini tal-ewwel (1) imputazzjoni, il-Qorti tinnota li da parte tieghu l-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Godwin Scerri, ezebixxa, fost l-ohrajn, l-ammont tal-hsarat li jghid li gew mghoddija lilu minn Trevor Galea. Dan jirrizulta minn *email* li giet immarkata bhala Dok. "GS 6" (*a fol.* 49 *et seq.*). Da parte tieghu, Trevor Galea kkonferma l-kontenut tal-*email* (Dok. "GS 6" – *a fol.* 49 *et seq.*).

Illi l-Qorti tinnota li l-*email* imsemmija fil-paragrafu precedenti u li jirrizulta li giet mibghuta minn Trevor Galea lill-iSpettur Godwin Scerri kienet *email* fejn kienet qed tigi *forwarded email* ohra mibghuta lil Trevor Galea minn certu Ivan J. Camilleri li ma tressaqx bhala xhud f'dawn il-proceduri biex jikkonferma l-kontenut tal-*email* tieghu. B'hekk isegwi li l-imputazzjoni in ezami ma gietx sodisfacentement pruvata u ghaldaqstant l-imputat ser jigi liberat minnha.

**<u>Recidiva *ai termini* ta' Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u>:**
Illi l-imputat qed jigi akkuzat li huwa recidiv *ai termini* ta' Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Prosekuzzjoni ezebiet vera kopja ta' sentenza moghtija fis-17 ta' Settembru 2008 (Dok. "GS 7" – *a fol.* 60 *et seq.*). Wiehed mill-Ufficjali Prosekuturi tal-kawza tas-sentenza ezebita, cioé l-iSpettur Joseph Mercieca, xehed f'dawn il-proceduri fejn filwaqt li ghamel riferenza ghas-sentenza ezebita identifika lill-imputat fl-awla.

Illi wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni s-sentenza li saret riferenza ghaliha hawn fuq, il-fedina penali tal-imputat (*a fol.* 3 *et seq.*) u kif ukoll dak li jiddisponu Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkonkludi li l-imputat ghandu jigi kkunsidrat li huwa recidiv <u>biss</u> *ai termini* ta' Artikoli 49 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-imputat m'huwiex ser jigi kkunsidrat li huwa recidiv *ai termini* ta' Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* li l-piena fis-sentenza moghtija fis-17 ta' Settembru 2008 (Dok. "GS 7" – *a fol.* 60 *et seq.*) kienet dik ta' sena u disa' xhur prigunerija u l-hames snin li jsiru riferenza ghalihom fit-tieni parti ta' Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kienu ghadhom ma ghaddewx fit-8 ta' Settembru 2014.

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu ta' dak li nghad hawn fuq, jirrizulta li l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata bil-kwalifika tal-mezz biss. L-imputat ser

jigi kkunsidrat li huwa recidiv biss *ai termini* ta' Artikoli 49 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: il-fedina penali tal-imputat (*a fol.* 3 *et seq.*) minn liema jirrizulta li l-imputat kiser difrjegh mal-ligi diversi drabi, in-natura tal-ewwel imputazzjoni addebitata lilu u l-kwalifika li giet pruvata, u kif ukoll il-fatt li l-imputat ghandu jigi kkunsidrat li huwa recidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. M'hemmx dubju li l-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghandha tkun dik ta' prigunerija effettiva u dana *stante* li jirrizulta li l-imputat ma jridx jirriforma hajtu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti,

filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tal-kwalifika tal-valur u tal-vjolenza msemmija fl-ewwel (1) imputazzjoni, ma ssibux hati wkoll tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u lanqas li huwa recidiv *ai termini* ta' Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk tilliberah minnhom kollha,

wara li rat Artikoli 42(d), 49, 261(b), 263(a), 264(1), 278(1) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

issib lill-imputat Pierre Buttigieg hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, inkluz tal-kwalifika tal-mezz, u ssibu hati wkoll li rrenda ruhu recidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 289 tal-

Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundannah ghal perijodu ta' sittax (16)-il xahar prigunerija.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**